**27 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Wigi Azzopardi

**Sentenza — Dispożittiv u Motivazzjoni.**

*F'ċerti kontinġenzi, id-dispożittiv tas-sentenza jkun talment inxindibbilment marbut mal-motivazzjoni, li, jekk b'xi mod ikun dubbjus, għandu jieħu sens minnha.*

Quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Għawdex u Kemmuna l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Azzopardi kienet dupliċi, dik ta' sewqan negliġenti u perikolus u dik ta' danni nvolontarji, b'talba għas-sospensjoni tal-liċenzi;

Bis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 1962 dik il-Qorti ddeċidiet billi ("ipsis verbis") sabet lill-imputat ħati skond l-ewwel akkuża; tat-tieni ma ħadetx konjizzjoni, *stante rinunzja;* u kkundannat l-istess Azzopardi għall-piena tal-ammenda ta' £2, u ssospendietlu l-liċenzi tas-sewqan għal żmien tmien tijiem;

Minn din is-sentenza nterponiet appell il-Prosekuzzjoni, fuq il-motiv li l-piena pekunjarja kien imissha tkun tal-multa ta' mhux aktar minn £100, u s-sospensjoni kellha tkun għal mhux anqas minn tliet xhur żmien;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat;*

Kwantu għas-sospensjoni tal-liċenza, l-appell jippostula li kien hemm sewqan b'manjiera perikoluża. Issa, hu veru li l-Ewwel Qorti qalet li sabet lill-imputat ħati skond l-ewwel akkuża, imma immedjatament qabel kienet qalet li kien jirriżulta li l-imputat saq it-truck tiegħu b'mod negliġenti. Ġie deċiż (Kollez. Vol. XXIV-I-157) li f'ċerti kontinġenzi d-dispożittiv ikun talment inxindibbilment marbut mal-motivazzjoni, li, jekk b'xi mod ikun dubbjus, għandu jieħu sens minnha. Issa, f'dan il-każ, għalkemm il-Maġistrat qal li sab l-imputat ħati skond l-ewwel akkuża, u għalkemm din

proprijament kienet tant ta' sewqan negliġenti kemm ukoll ta' sewqan perikolus, eppure d-dispożittiv hu dubbjus, għax f'ċertu sens il-Maġistrat seta' qies l-ewwel akkuża, dik ta' sewqan negliġenti, li hi mitluba l-ewwel waħda fost it-tnejn, b'mod li dik ta' sewqan perikolus issegwiha; u kwindi hu loġiku, di fronti għat-termini ċari tal-paragrafu immedjatament preċedenti d-dispożittiv, li dan, fid-dubju, jiġi nterpretat skond il-motivazzjoni, anki għat-tenur tal-massima "in poenalibus benignius interpretandum est." Għalhekk l-appell, "quoad" il-piena tas-sospensjoni, ma hux sostenibbli;

Kwantu għall-piena pekunjarja, hu ovvju li skond iddispożizzjoni tal-art. 14 Kap. 105, kif emendat bl-Att XXVI tal-1956, il-piena hi tal-multa mhux aktar minn £100, mentri ġiet applikata l-piena tal-ammenda, u ma ġiet dikjarata fis-sentenza ebda raġuni speċjali u eċċezzjonali biex il-Qorti tmur taħt il-minimum;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Attorney General fis-sens biss li l-piena pekunjarja għandha tkun dik ta' £5, titħallas żmien għaxar tijiem mil-lum. Is-sospensjoni tibda minn nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru 1962.